MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2011

Avviz Numru. 295/2005

**Luigia Caruana**

**Vs**

**Clotilde Vella f'isimha propriju u permezz ta' digriet tal-21 ta' Awissu 1997 ghan-nom ta' binha minuri Allan Keith Vella; u Ivyn Mark Vella**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jkunu kkundannati li jirristataw l-ambjenti – illum parti mid-dar fuq imsemmija 40, New Street, Luqa fl-istat li kienet qabel ma l-konvenuti okkupaw l-istess ambjenti u biddluhom abusivament, fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat lilhom minn din l-Onorabbli Qorti billi l-konvenuti jaghmlu ix-xoghlijiet necesssarji a spejjez taghhom u jgibu d-dar fl-istess stat li kienet u fin-nuqqas li jghamlu dan, l-attrici titlob li tigi

awtorizzata li taghmel hija stess l-istess xoghlijiet mehtiega a spejjez tal-konvenuti.

Jigi dikjarat illi l-ispiza tax-xoghlijiet rikjesti ma jeccedux is-somma ta' hamest elef Lira Maltija (Lm5,000).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet taghha moghti fil-5 ta' Awissu 2005 a fol 8 sa fol 11 ibid.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 15 ibid) u li biha eccepew bir-rispett:

1. Illi din il-Qorti mhix kompetenti skond l-Artiklu 47(3) Kap 12 stante li l-attrici qed tippretendi servitujiet fuq il-proprjeta' tal-konvenuti.
2. Illi l-materja hija diga' deciza mill-Qorti tal-Appell li ordnat anzi li l-attrici taghlaq it-twieqi li fethet bi spoll vjolenti u klandestin u dan skond sentenza moghtija fil-14 ta' Frar, 2005.
3. Illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante li l-esponenti ma kellhom ebda obbligu li jhallu xi bini, u l-benefikati li hallew warajhom qatt ma thallsu taghhom u lanqas kellha xi dritt fuqhom l-attrici.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet it-trattazzjoni dwar l-ewwel (1) eccezzjoni sottomessa mill-konvenuti, li ghaliha, hi limitata din is-sentenza preliminari.

Ikkunsidrat

Illi l-attrici, permzz ta' 'affidavit' a fol 23 et seq ibid, bdiet billi tghid illi l-fond in kwistjoni hu proprjeta taghha u hu dak muri fil-pjanta annessa a fol 24 ibid u markata Dok LC1 (ara x-xhieda tal-Perit David Pace a fol 64 et seq ibid). Permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Marzu 1994. Paul Vella kien gie kkundanant li jizgombra mill-ambjenti tal-ewwel sular.

Sussegwentement, meta l-konvenuta kienet halliet, u telqet minn dawn l-ambjenti, hi kienet imbarrat diversi aperturi permezz ta' gebel li ma kienux hemm qabel u skond l-attrici, dawn qed jostakolawha fil-godiment tal-propjeta taghha '.. meta l-konvenuta kienet obligata li thalli l-fond fl-istat li kien qabel'. Inoltre, il-konvenuta kienet ghaddiet katusa li qed taqsam l-arja tal-attrici kif ukoll poggiet 'tank' tal-ilma fuq il-bejt tal-istess attrici.

Illi jigi notat illi fis-sentenza hawn fuq citata, ma ntlaqhetx talba ohra proposta mill-attrici odjerna u li kienet tinvolvi gardina. Mal-istess xhieda, hemm anness rapport peritali 'ex parte' maghmul u rilaxxat mill-Perit Mario Scicluna (fol 31 u fol 61 ibid) f'liema dokument issir referenza ghal tieqa li originarjament kienet logga ossija fetha (ara 'numru 2' fil-pjanta a fol 32) kif ukoll ghal tieqa ohra li giet maghluqa izda trid terga tinfetah (ara 'numru 3' fl-istess pjanta).

Illi l-attrici xehdet, ukoll, 'viva voce' prodotta in kontro ezami (fol 39 ibid) u hawnhekk qalet illi kien hemm sentenza ohra '… pero ma nafx kif inqatghet' .

Illi t-tifel tal-attrici, Frankie Caruana (fol 43 u fol 67 et seq ibid) sema li fuq wara kien hemm veranda twila li giet trasporata f'tieqa u mbarrata bil-gebel, mill-konvenuta li kien hemm tieqa zghira ohra, fil-genb u thares ghal fuq bitha tal-istess konvenuta li giet maghluqa, li f'bitha interna kienet tpoggiet katusa li tiehu ilma minn bejt ghal iehor u li fuq il-hajt tal-appogg kien tpogga 'tank' tal-ilma fuqu, wara li gie mgholli erba' filati li kien hemm tieqa ohra, bejn kamra tal-banju li kellha l-konvenuta u kamra tal-istess konvenuta, u li giet mbarrata ukoll.

Illi waqt ix-xhieda ta' dan, il-Qorti kienet ordnat lill-partijiet sabiex jesebixxu, rispettivament, kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell u ohra moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civli presjeduta mill-Imhallef Joseph Azzopardi fl-14 ta' Frar 2005. Difatti f'din l-ahhar sentenza fuq talba tal-istess Luigia Caruana, il-Qorti kienet kkundannat li Paul Vella sabiex jizgombra mill-

ambjenti fl-ewwel sular izda kienet cahdet talba maghmula in rigward il-gardina.

Illi il-Perit Mario Scicluna inkarigat mill-attrici (fol 61 u fol 62 ibid) u dan wara li ghamel referenza ghal pjanta a fol 22 ibid u fol 32 u ohra li giet maghmula mill-perit David Pace, spjegali fuq wara tal-post, kien hemm veranda li kienet giet maghluqa u saret tieqa minflokha.

Hawnhekk ghamel referenza ghall-pjanta tal-Perit David Pace b'mod specjali ghal dik il-parti b'linji djagonali fuq il-lemin. Hu kompla jispjega li fuq wara kien sar hajt u tieqa, li l-hajt li jaghti ghall-veranda kien intatt u gie mtella' hajt iehor fuq wara bl-imsemmija tieqa. Inoltre b'referenza ghal kamra fejn hemm imnizzel il-kelma 'saqaf', din kamra kienet inqasmet fi tnejn, f'kuritur u kamra. Inolte kien hemm tieqa li ma nstabitx minnu u f'kamra ohra kien sar 'shaft'. Dwar dawn ix-xoghljiet, hu esprima l-opinjoni li'..kont mort fuq il-post madwar tlett snin ilu jekk mhux aktar' (cjoe matul l-2005) u 'Dak ix-xoghol li ddeskrivejt ma jidhirx li kien sar ricentement'. Hu invista ukoll li fuq l-appogg tal-bejt, kien jinsab tank tal-ilma u jekk l-attrici tkun intenzjonata li tibni fuq l-arja l-istess tank jrid jigi spustat l'hemm u li kien hemm katusa tal-ilma tax-xita li taqsam il-bitha. L-istess katusa kienet in arja u mhux imwahhla mal-hajt izda taqsam il-bitha (ara ukoll fol 75 ibid).

Illi, dwar il-Perit David Pace (fol 64 u fol 65 ibid), dan spjega li kien gie mahtur bhala espert tekniku fil-kawza 'Luigia Caruana vs Paul Vella' (citaz nurmu 57/82). Inoltre kein ukoll involut f'mandat ta' zgumbrament numru 4067/99 u waqt l-access kien ra' li t-twieqi kollha fuq wara li jaghtu ghal gardina kienu kollha mbarrati kif kien ra ukoll li kien sar in rigward zewg aperturi ohra, l-ewwel wiehed (1) u tnejn (2) fuq l-iskizz maghmul minnu u esebit, bhala kopja a fol 24 ibid). Inotlre hu qal ukoll illi kien hemm kamra tal-banju u kurutur '… li kellu jsir parti mill-fond tal-attrici u hu kien indika ' …. Fejn kellha ssir il-qasma fizika bejn iz-zewg fondi' permezz ta' linja kulur orangjo.

Illi, dwar il-kawza msemmija mill-ahhar xhud, filfatt jidher li kien hemm zewg kazijiet u hawnhekk peress li dawn jidhru rilevanti ser jsir accenn ghalihom.

a) B'sentenza moghtija fis-6 ta' Dicembru 2002, (fol 77 et seq ibid) il-Qorti tal-Appell, f'kawza fl-istess ismijiet (citaz numru 74/01) il-Qorti msemmija kienet konfermat dik moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Jannar 2002. Hawnhekk Luigia Caruana kienet talbet li tigi reza esekuttiva sentenza moghtija fit-2 ta' Marzu 1994 u li biha Paul Vella kien gie kundannat li jizgombra mill-ambjent tal-ewwel sular tal-post in kwistjoni (citaz nurmu 57/82AJM).

b) Il-konvenuti ghamlu referenza ghal sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (a fol 85 et seq ibid) fl-istess ismijiet izda inversi. Din is-sentenza kienet wahda ta' spoll in konnessjoni ma ftuh ta' twieqi fl-istess post ghal fuq dak bin-numru 39, proprjeta tal-konvenuti odjerni, atturi f'dik il-kawza. Din it-talba kienet giet milqugha u konfermata mill-Qorti tal-Appell kif jidher a fol 90 et seq ibid.

Ikkunsdirat

Illi il-konvenuti jikkontendu li din il-Qorti ma hiex kompetenti 'ratione materiae' stante li l-attrici qed tippretendi servitujiet fuq il-propjeta' tal-konvenuti. Certament kieku kien il-kaz, din il-Qorti ma kienitx tkun kompetenti stante li kieku kien jitratta dwar servitu ossija dritt reali fuq proprjeta ta' terzi, kienet tkun hekk inkompetenti skond l-artikolu 47(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, pero' l-attrici qedha titlob li l-fond numru 40 jigi riprestinat kif kien meta l-konvenuti, b'mod specifiku Paul Vella, ormai mejjet kienu bdew jokkupaw l-istess post sakemm gew zgumbrati kif inghad. Dan, fil-fatt, jikkostitwixxi dritt personali esegwibbli kontra l-konvenuti. Minhabba hekk din l-azzjoni, li ma toltrepassax il-kompetenza ta' din il-Qorti 'rationae valoris' hi pjenament fil-kompetenza ta' din il-Qorti.

Illi ghalhekk l-eccezzjoni preliminari in esami ma tistax tigi akkolta u din il-kawza tista' tissokta fuq il-meritu u billi jigu decizi it-tieni (2) u t-tielet (3) eccezzjoni tal-konvenuti.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tichad l-ewwel (1) eccezzjoni sottomessa mill-konvenuti u Tordna li dan il-kaz jitkompla kif di gja inghad.

Bl-ispejjez riservati.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------